

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Manea u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Diċembru 2017 (Każ R 1011/2017-4) dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali upgrade your personality bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Martin Knauf għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(¹) ĠU C 134, 16.4.2018.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2018 – Covestro Deutschland vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-745/18)

(2019/C 82/69)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Covestro Deutschland AG (Leverkusen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Küper, J. Otter, C. Anger u M. Goldberg, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/56 tat-28 ta' Mejju 2018 dwar skema ta' għajjnuna SA.34045 (2013/c) (ex 2012/NN) implimentata mill-Ġermanja għall-konsumaturi ta' karga bażika skont l-Artikolu 19 tas-tar-Regolament StromNEV (iktar 'il quddiem is-StromNEV) (notifikata bid-dokument C(2018) 3166), b'mod partikolari l-klassifikazzjoni bħala għajjnuna mill-Istat tal-eżenzjoni kompleta tat-tariffi tan-netwerk għall-konsumaturi ta' karga bażika għas-snin 2012 u 2013, il-konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà tagħha mas-suq intern u d-deċiżjoni ta' rkupru immedjat mingħand il-benefiċjarji skont il-leġiżlazzjoni dwar it-tariffi minimi konformement mat-tieni sentenza tal-Artikolu 19(2) tas-StromNEV fil-verżjoni tat-3 ta' Settembru 2010, u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq it-tul eċċessiv tal-proċedura

- Fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti tikkritika l-fatt li t-tul tal-proċedura ta' 62 xahar qabeż b'iktar minn darbtejn it-terminu indikattiv stabbilit fl-Artikolu 9(6) tar-Regolament dwar il-proċeduri fil-qasam ta' għajjnuna mill-Istat (¹).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-eżenzjoni tad-drittijiet ta' netwerk ma tikkostitwixxix għajjnuna konformement mal-Artikolu 107(1) TFUE.

- Fil-kuntest tat-tieni motiv, huwa allegat li ma jeżisti ebda trattament favorevoli, peress li, minħabba l-effett stabbilizzanti tan-netwerk tal-konsumaturi ta' karga bażika, jeżisiti korrispettiv xieraq. Minbarra dan, l-eżenzjoni ma hijiex iffinanzjata minn riżorsi tal-Istat.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-kompatibbiltà mas-suq intern (ġustifikazzjoni, Artikolu 107(3) TFUE)

- Fil-kuntest tat-tielet motiv, huwa allegat li l-eżenzjoni kompleta tal-konsumaturi ta' karga bażika tirrimedja perturbazzjoni serja tal-ħajja ekonomika fil-Ġermanja. B'mod partikolari, l-industriji li jikkonsmaw ħafna enerġija għandhom jibqgħu kompetittivi u għandha tiġi prekluzja migrazzjoni barra mill-pajjiż.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-ordni ta' rkupru

- Fil-kuntest tar-raba' motiv, qed jiġi kkritikat il-fatt li l-irkupru ta' tariffa minima ugwali għal 20 % ta' tariffi ta' netwerks ippubblikati, b'riferiment għall-verżjoni tal-Artikolu 19(2) tas-StromNEV, fis-seħħ sat-3 ta' Awwissu 2011, huwa arbitrarju u jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
- Qed jiġi sostnut ukoll li hija biss id-determinazzjoni tat-tariffi tan-netwerk skont il-metodu ta' linja fiżika li tiġgarantixxi l-osservanza tal-prinċipji ta' kawżalità kif ukoll il-ħlas ta' tariffi tan-netwerk raġonevoli u mhux diskriminatorji.
- L-ordni ta' rkupru tikser ukoll il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni sa fejn il-Kummissjoni ma għamlitx riferiment għas-sistema tranżitorja fl-Artikolu 32(3) tas-StromNEV.
- Fl-aħħar nett, huwa allegat li l-konsumaturi ta' karga bażika u utenti ta' netwerk mhux tipiċi fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 19(2) tas-StromNEV huma essenzjalment differenti. Il-fatt li ż-żewġ gruppi ta' utenti tan-netwerk għandhom iħallsu tariffa minima ta' 20 % minkejja d-differenzi, ma huwiex oġġettivament iġġustifikat.

(¹) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p 9).

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2018 – Briois vs Il-Parlament

(Kawża T-750/18)

(2019/C 82/70)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Steeve Briois (Hénin-Beaumont, Franza (rappreżtant: F. Wagner, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Steeve Briois (2018/2075 IMM) li tadotta r-rapport tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Ġudizzjarji A8-0349/2018;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 fuq il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (iktar "il quddiem il-"Protokoll"), sa fejn il-kitba ta' S. Briois li tat lok għal proċeduri kriminali fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu tikkostitwixxi opinjoni espressa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet parlamentari tiegħu fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.